Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum 13 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Versus**

**Alessandro Caruana**
**(0433598M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Alessandro Caruana**, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 0433598M.

Nakkużawh talli nhar id-19 ta' Frar, 2023 ghal habta ta' bejn 17:00hrs u 17:15hrs, gewwa l-Istadium Nazzjonali ta' Ta' Qali, gewwa Ta' Qali limiti ta' H'Attard :

1. Gab ruhu b'mod abbuziv jew gab ruhu b'mod li seta' jinkiser il-bon ordni;

2. Qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id- dicenza pubblika.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat Alessandro Caruana, fis-seduta tat-18 ta' April 2023, irregistra ammissjoni ghat-tieni(2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati ghat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati tat-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed **tillibera lil imputat mill-ewwel (1) akkuza** migjuba fil-konfront tieghu, u wara li rat Artikolu 7, 13 u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **hati tat-tieni (2) akkuza** u tikkundannah ghal hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23)

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**